# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 18 ta' Lulju, 2022.**

**Numru 4**

**Rikors numru 198/19/3 TA**

**George Degiorgio**

**v.**

**L-Avukat Ġenerali, il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Kap tas-Servizz tas-Sigurta` u b'digriet tal-5 ta' Novembru 2019 ġew ammessi jintervjenu fil-kawża l-Avukat Peter Caruana Galizia u Matthew, Andrew u Paul aħwa Caruana Galizia**

1. Dan id-digriet jindirizza r-rikors tal-attur li ppreżenta fil-5 ta' Mejju 2022 u li bih talab lil din il-Qorti sabiex tħassar id-digriet li tat fl-4 ta' Mejju 2022, li bih ordnat lill-Kap tas-Servizz tas-Sigurta` (KSS) sabiex jippreżenta l-mandat li nħareġ fi Frar 2017, inkluż *kwalsiasi* proroga tal-mandat.

2. Fir-rikors l-attur jilmenta li:

i. Kien il-KSS li quddiem l-ewwel Qorti rrifjuta li jippreżenta l-mandat relattiv u l-ewwel Qorti ċaħdet it-talba tal-attur sabiex tordna lill-attur jippreżentah bħala prova. Deċiżjoni konfermata minn din il-Qorti;

ii. Kien biss fl-istadju tal-appell li l-KSS iddikjara li jippreżenta l-mandat jekk ikun hemm ordni ta' din il-Qorti;

iii. Din il-Qorti tat provvediment ċar fl-20 ta' Lulju 2020 u f'dan l-istadju m'għandhiex tibdel il-pożizzjoni li ħadet, li l-oneru tal-prova kien fuq il-KSS. L-attur jilmenta li din il-Qorti ma baqgħetx indipendenti u imparzjali u għamlet xogħol il-KSS meta ordnatlu jippreżenta d-dokumenti li kellu jressaq quddiem l-ewwel Qorti;

iv. Id-dokument mhuwiex kruċjali għaliex l-ilment tiegħu jolqot ukoll ċertu dispożizzjonijiet tal-Att dwar is-Servizz tas-Sigurta` (Kap. 391);

v. Mhu qatt ser ikollu s-serħan tal-moħħ li d-dokumenti eżibiti huma l-verita`;

3. Il-konvenuti u l-intervenuti fil-kawża wieġbu u taw ir-raġunijiet għalfejn din il-Qorti għandha tiċħad it-talba tal-attur.

4. Waqt it-trattazzjoni li saret fis-seduta tal-20 ta' Ġunju 2022 id-difensur tal-attur għamel referenza għall-Art. 150 tal-Kap. 12 u argumenta li d-dokumenti li jissemmew fid-digriet tal-4 ta' Mejju 2022 mhumiex dokumenti ġodda għaliex il-KSS kien jaf bihom, tant li rrifjuta li jippreżentahom quddiem l-ewwel Qorti. Il-Qorti ma taqbilx. Għalkemm hu minnu li quddiem l-ewwel Qorti l-KSS insista li kien prekluż mil-liġi (Art. 18 tal-Kap. 391) li jippreżenta l-mandat u rrifjuta li jippreżentah, huma *'dokumenti ġodda'* proprju għaliex quddiem l-ewwel Qorti ma tressqux bħala prova.

5. Fid-digriet li ngħata fl-4 ta' Mejju 2022 din il-Qorti għamlet il-pożizzjoni tagħha ċara. Kien biss fir-rikors tal-appell li l-KSS biddel il-pożizzjoni tiegħu fis-sens li għalkemm insista li jibqa' japplika l-Art. 18 tal-Kap. 391, qal ukoll *"3.4.8.... b'dan illi l-qorti jkollha s-setgħa li tordna l-produzzjoni ta' dak il-mandat f'kawżi fejn tali produzzjoni tkun indispensabbli sabiex jiġi aċċertat il-ħarsien tal-liġi......."*. It-teżi tal-attur li bid-digriet tal-4 ta' Mejju 2022 din il-Qorti ma baqgħetx indipendenti u imparzjali u anzi ħadet il-pożizzjoni tal-KSS, hi żbaljata. B'dak id-digriet din il-Qorti sempliċement poġġiet lilha nnifisha fl-aħjar pożizzjoni sabiex tiddetermina eżattament x'ġara f'dan il-każ, fis-sens jekk l-awtoritajiet segwewx il-proċedura kontemplata fil-Kap. 391. B'hekk jiġi żgurat li tkun magħrufa l-verita`. Dan iktar u iktar meta tqis li l-KSS xehed quddiem l-ewwel Qorti li kienet ġiet segwita` l-proċedura bil-ħruġ ta' mandat. Wara kollox wieħed mill-ilmenti tal-attur kien proprju li seħħ ksur tal-Art. 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għaliex jekk saru interċettazzjonijiet fil-konfront tiegħu, saru mingħajr mandat.

6. Dan apparti li f'kawża li titratta dwar allegat ksur ta' jeddijiet fundamentali l-Qorti tgawdi minn diskrezzjoni wiesgħa dwar provi li jkun hemm bżonn jitressqu sabiex tpoġġi lilha nnifisha fl-aħjar pożizzjoni tiddeċiedi jekk l-Istat ikunx kiser jeddijiet fundamentali tal-attur u fl-affermattiv jagħtu rimedju lill-vittma. Kawżi li min-natura tagħhom huma differenti minn kawżi bejn persuni privati. Dan apparti li f'każ bħal dan hemm ukoll l-interess pubbliku ġaladarba l-attur hu akkużat b'omiċidju.

7. Saħansitra quddiem l-ewwel Qorti kien l-attur stess li talab li l-KSS jippreżenta l-mandat. Min-naħa l-oħra l-pożizzjoni tal-KSS inbidlet fl-istadju tal-appell fis-sens kif spjegat hawn fuq. Din il-Qorti ma tistax tiskarta żvilupp bħal dan fl-istadju tal-appell irrispettivament minn dak li qalet fid-deċiżjoni tal-20 ta' Lulju 2020 b'referenza għar-rikors li kien għamel l-attur quddiem l-ewwel Qorti fejn talab sabiex tordna lill-KSS sabiex jippreżenta l-mandat li xehed dwaru fis-seduta tat-8 ta' Jannar 2020. Stadju li fih il-KSS kien għadu qiegħed jirrifjuta li jippreżenta d-dokumenti relattivi.

8. Għalkemm l-attur jargumenta li issa li ġew preżentati d-dokumenti mhuwiex ser ikollu l-opportunita` li jiżgura li jirriflettu l-verita`, il-Qorti ma taqbilx ma' dik it-teżi. L-attur ser jingħata l-opportunita` li jara d-dokumenti li ġew eżibiti mill-KSS, u wara jagħmel it-talbiet li jqis li hemm bżonn fl-interess tiegħu.

9. Għalkemm l-attur isostni li d-dokumenti mhumiex kruċjali għaliex l-ilment tiegħu hu wkoll dwar dispożizzjonijiet li hemm fil-Kap. 391, dan l-argument mhuwiex validu. Ġaladarba wieħed mill-ilmenti tal-attur hu li jekk saru interċettazzjonijiet fil-konfront tiegħu dawn saru llegalment u dwar dan hemm aggravju, id-dokumenti jibqgħu rilevanti.

Għal dawn il-motivi tiċħad it-talba tal-attur għar-revoka *contrario imperio* tad-digriet mogħti fl-4 ta' Mejju 2022.

Spejjeż relatati ma' dan id-digriet a karigu tal-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm